Il-Bord ta' L-Appelli Dwar It-Turizmu

Marco Bonnici f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Clique Ltd fir-rigward ta' "Clique Bar"

vs

L-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta

(Kaz numru 56 ta' l-2010)

17 ta' Awwissu 2011

Il-Bord:-

Ra l-appell ta' l-appellant rigward id-decizjoni ta' l-Awtorita Tat-Turizmu ta' Malta ("L-Awtorita") tat-22 ta' Marzu 2011 li permezz taghha l-Awtorita ordnat lil Marco Bonnici sabiex iwaqqaf il-kontravenzjonijiet tal-Ligi li gew misjuba kontra tieghu fil-5 ta' Marzu 2011 waqt spezzjoni li saret fil-post mill-Awtorita, fl-operazzjoni tal-*Clique Bar* ta' 83, Triq San Gorg, Paceville, St Julians, liema kontravvenzjonijiet kienu jikkonsistu minn (i) ksur ta' l-artikolu 43(1) (b) ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta) ; (ii) bi ksur tar-regolament 3(1) u 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15 tal-2005; (iii) bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja mahruga mill-Awtorita peress li gew ipprovduti facilitajiet ghaz-zfin bhala skop primarju meta dan ma kienx kopert bil-licenzja; u (iv) bi ksur tar-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002 peress li naqas li jinforma lill-Awtorita bit-tibdil fl-attivita turistika minn bar ghal diskoteka;

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet;

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet inkluza kopja tal-licenzja BAR/0045A, kopji ta' *internet sites* b'riferenza ghall-bar in kwistjoni kif ukoll *video clip* tal-lok;

Sema' lix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Sema' t-talba ta' l-appellant ghal l-isfilz tal-*video clip* li gie ipprezentat mill-Awtorita;

Sema lill-Awtorita fuq din l-istess talba;

Sar access fuq il-post mill-istess Bord fil-presenza ta' Marco Bonnici u rapprezentanti ohra ta' l-Awtorita;

Ikkunsidra;

L-appellant jikkontesta illi kien hemm xi ksur tal-ligijiet citati fl-ittra ta' l-Awtorita tat-22 ta' Marzu 2011 u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

i. illi mhux minnu li l-istabbiliment ghandu facilitajiet ta' zfin; illi l-istabbiliment mghammar bhala bar u m'hemm ebda facilita gewwa l-istabbiliment li tindika li hemm zona specifika ghal min jisfen;
ii. illi l-istabbiliment joffri xorb f'atmosfera ta' muzika u ghaldaqstant in-nies huma liberi li jizfnu jew jiccaqalqu;
iii. illi l-iskop primarju ta' l-istabbiliment huwa ta' *bar with amplified music* u mhix car abbazi ta' xiex l-Awtorita iddeciediet li dan ma kienx l-iskop primarju;
iv. illi l-Awtorita ilha ggedded il-licenzja ta' *Clique Bar* ghal zmien twil u ghaldaqstant approvat l-operat ta' l-istess stabbiliment;

Mix-xhieda ta' Marco Bonnici prodott mill-appellant irrizulta lli sabiex tasal ghall-bar trid tinsel isfel fejn issib *island bar* u bar iehor fil-kantuniera, hemm ukoll fejn toqghod bil-qeghda. Qal li kien hemm xi 24 banketti u tlitt sufanijiet fejn ipoggu tlieta minn nies fuq kull wiehed u tnejn fejn ipoggu tnejn min-nies. Qal li hemm xi spazji vojta izda ma setghax jindika id-daqs ta' dawn l-ispazji. Il-post kien jiflah madwar 150 sa 200 ruh. Qal li kien hemm ukoll zewg *pole boxes* li tqeghdu hemm sempliciment sabiex isebbhu l-post u jimlew il-vojt. Qal illi fil-bar hemm muzika amplifikata, illi jkun hemm DJ u l-musika li tindaqq kienet wahda pop jew dik kurrenti. Meta jizfnu n-nies jizfnu mal-bar. Qal illi darba biss ghamel riklam sabiex jirrikklama l-post.

Mhix xhieda ta' Michelle Camilleri prodotta mill-Awtorita irrizulta illi fil-5 ta' Marzu 2011 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu marret il-*Clique Bar* akkompanjata minn Andre Zammit. Is-sinjuri Bonnici li huma n-nies responsablli ghall-istabbiliment ma kienux hemm. Kien hemm muzika tindaqq minn DJ. Din tant kienet gholja illi wiehed ma setghax jinftiehem jitkellem. Kien hemm biss tmien banketti u erba' sufanijiet fejn wiehed joqghod bil-qeghda. Kien hemm spazju specifiku fejn

wiehed seta' jizfen. Meta marru huma ma kien hemm hadd jizfen fuq il-*pole boxes*. Kien hemm dawl mixghul vicin fil-bar. Ms Camilleri ipprezentat kopji ta' *internet sites* li jirriklamaw il-*Clique Bar*, kif ukoll *video clip* ta' l-istess post;

Mill-access li sar mill-istess Bord fuq il-post gie konstatat illi l-pultruni li hemm prezentement huma elevati mill-kumplament tal-lok. B'kollox dawn il-pultruni jesghaw daqs ghaxra minn nies. F'din iz-zona jinsab ukoll bar. Il-kumplament tal-lok jidher battal minn kull siggu, pultruna jew mejda. F'dan l-ispazju hemm bar kif ukoll spazju vojt centrali bejn l-istess bar u z-zona tas-sufanijiet. Dan l-istess spazju mdawwar b' sitt *speakers* u erbat idwal li jbiddlu l-kulur. Hemm ukoll zewg *mirror balls*. Hemm ukoll id-DJ *stand*. F'din l-istess zona hemm zewg *pole bars* illi min-natura tal-kumplament ta' l-ambjent jidher illi dawn saru sabiex jizfnu n-nies fuqhom. Hemm irriklamat mal-bieb ta' barra ta' dan il-lok, kif ukoll fuq gewwa, il-presenza ta' numru ta' DJ's li jkunu prezenti jdoqqu fil-lok matul is-sajf;

Ikkunsidra ulterjorment:

L-Ordni ta' l-Infurzar tat-22 ta' Marzu 2011 mahruga mill-Awtorita tallega ksur ta' l-artikolu 43 (1)(b) ta' l-Att Dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta), ksur tar-regolamenti 3(1) u 16 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 peress li gew ipprovduti facilitajiet ghaz-zfin bhala skop primarju meta dan ma kienx kopert bill-licenzja, u ksur tar-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002;

L-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:-

"Kull min … meta jkollu licenzja, jonqos li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenza, …ikun hati ta' reat u ghandu meta jinsab hati jehel multa ta' mhix anqas minn …"

Ir-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 jghid li bar huwa:-

"stabiliment li jipprovdi l-ikel accessibbli ghall-pubbliku u li jipprovdi facilitajiet li toqghod bil-qeghda, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' l-alkohol u xorb mhix alkoliku li jigi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bil-hlas, skond *standards* kif jidhru fir-Raba' Skeda;

u diskoteka jfisser

"stabbiliment accessibbli ghall-pubbliku li jkollu bhala skop primarju li jipprovdi facilitajiet ghaz-zfin kif ukoll id-daqq ta' musika amplifikata jew live, skond *standards* kif imnizzla fil-Hames Skeda";

Ir-regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 jghid:-

"Hadd ma jista jopera jew ihalli li jigi operat xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel kemm il-darba huwa ma jkunx applika qabel u gab il-licenzja mehtiega mahruga mill-Awtorita".

Ir-regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005 jghid:-

"Il-konformita mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandha titqies li tkun kundizzjoni li ghaliha tkun soggetta licenzja biex topera xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel, irrispettivament minn jekk tkunx saret xi riferenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenzja nnifisha".

Ir-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002 jghid:-

"Kull detentur ta' licenzja ta' attivita turistika ghandu jinforma lill-Awtorita minghajr dewmien b'kull tibdil fl-attivita turistika tieghu li jirrizulta, jew li x'aktarx jirrizulta f'tibdil fil-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghu".

Jidher li l-artkolu 43(1)(b) ta' l-Att 409 tal-Ligijiet ta' Malta jikkoncerna reati li huma penalizzati b'multi, u li skond l-artikolu 43(4) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Ghaldaqstant dan it-tribunal mhix ser jidhol fil-mertu ta' dan l-artikolu.

Ma ngabet ebda prova li l-istabbiliment kien qed jintuza sabiex jinbiegh l-ikel. Ghaldaqstant jidher li m'hemm ebda ksur tar-regolamenti 3(1) u 16 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 409.15 tal-2005.

Tibqa' ghalhekk l-allegazzjoni tal-ksur tal-licenzja peress illi l-lok in kwistjoni kien allegatament qed jintuza bhala diskoteka u mhix bar, kif fil-fatt licenzjat biex jopera u l-ksur tar-regolament 12(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 ta' l-2002;

L-appellant jghid illi d-decizjoni ta' l-Awtorita kienet wahda ibbazata fuq percezzjoni, li hija suggettiva. Ghaldaqstant id-decizjoni ma nthadet fuq ebda kriterju oggettiv. Ukoll wiehed ma setghax jibbaza ruhu fuq il-*video clip* ipprezentat mill-istess Awtorita, dan peress illi min hadu ma kienx prezenti. L-appellant ghaldaqstant issottometta illi l-Bord ma setghax jibbaza ruhu fuq percezzjoni ta' persuna, ukoll meta ma kien hemm

ebda kriterji oggettivi sabiex wiehed jidentifika diskoteka minn bar;

L-Awtorita da parti taghha tghid illi l-percezzjoni ta' l-investigaturi ta' l-Awtorita mhijiex percezzjoni ta' kwalunkwe persuna. Hija tghid ukoll illi dawn ma jaghtux opinjoni izda jixhdu dwar dak li raw. Minn dak li rat l-Awtorita kien hemm atmosfera predominanti ta' diskoteka meta n-nies taghha zaret il-*Clique Bar*;

Rigward it-talba ghall-isfilz tal-*video clip*, il-Bord jaghmel riferenza ghad-decizjoni ta' dan il-Bord (diversament kompost) illi jittrattaw dwar din l-istess talba[1]. Il-Bord jaqbel pjenament ma dak hemm diskuss u ghall-istess ragunijiet jaccetta li l-*video clip* ipprezentat mill-Awtorita seta jingab bhala prova. Il-Bord ghaldqstant ma jilqax it-talba ghall-isfilz;

Minkejja dan, il-Bord xorta wahda hass li kien hemm boznn li jsir access fuq il-post liema access sar fl-14 ta' Lulju fil-presenza ta' l-istess Marco Bonnici u rapprezentanti mill-Awtorita;

Skond l-analisi maghmula minn dan il-Bord, jidher li l-ligi ma tamplifikax fid-definizzjonijiet li taghti ta' *bar* u *diskoteka*. Jidher li d-differenza bejn it-tnejn tinsab fl-iskop primarju taghhom fejn f'bar, l-iskop primarju huwa l-bejgh ta' xorb, filwaqt illi f'diskoteka l-iskop primarju huwa dak li jipprovdi facilitajiet ghaz-zfin. Jidher ukoll illi huwa mistenni illi f'bar ikun hemm facilitajiet sabiex wiehed joqghod bil-qeghda;

Filwaqt illi d-definizzjoni ta' diskoteka tinkludi wkoll id-daqq ta' musika amplifikata, huwa wkoll possibbli illi *bar* jinghata licenzja sabiex tindaqq din il-musika u ghaldaqstant id-daqq ta' musika amplifikata ma jidhirx li huwa kriterju sabiex wiehed jiddetermina lok jikkwalifikax bhala *bar* jew diskoteka;

Anzi wiehed jifhem, mill-fatt li bar jista' jkollu licenzja ghall-musika amplifikata, illi huwa mistenni u accettat illi bar ikollu facilitajiet ta' musika b'dak kollu li hemm bzonn, inkluz is-servizz ta' DJ;

Dan il-Bord huwa tal-fehma illi l-iskop primarju ta' stabbiliment ghandu jigi determinat minn diversi fatturi, fosthom:-

i. il-fattur li jkun qed jigi l-aktar enfasizzat mill-lok stess, sabiex jigbed lill-klijenti;

---

[1] Decizjoni tal-Bord ta' L-Appelli Dwar it-Turizmu tas-16 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet 'Hugo Chetcuti fil-kapacita personali tieghu kif ukoll ghan-nom ta' Three Sixty Limited (C-30372), Lifetime Limited (C-19952) vs Awtorita tat-Turizmu ta' Malta'

ii. x' l-aktar jigbed in-nies sabiex jiffrekwentaw stabbiliment, u l-ambjent li dan joffri;
iii. il-facilitajiet offruti minn dak l-istabbiliment;
iv. l-introjtu principali ta' stabbiliment.

Mill-provi li gabet l-Awtorita, kemm dik migjuba permess tax-xhieda kif ukoll permezz tal-*video clip* u dokumenti ohra, jidher li fil-lok in kwistjoni jkun hemm hafna nes jizfnu. Dan minnu nnifsu ma jirrendix bar, diskoteka. Izda tenut kont ta' l-access li sar fuq il-post mill-istess Bord, jidher li dan il-bar attrezzat sabiex joffri facilitajiet ta' zfin u ukoll jigbed in-nies ghal dan l-iskop. Il-Bord ma jaqbilx mat-tezi ta' l-appellant li m'hemmx zona specifikatment riservata ghaz-zfin. Il-Bord matul l-access innota illi hemm zona centrali mdawwra bl-i*speakers* u bid-dwal u *mirror balls* u *pole bars*, li kollha jindikaw li din iz-zona hija fil-fatt intenzjonata ghaz-zfin. Din l-attrezzatura fil-fatt ma tinsabx fl-ebda post iehor fil-bar;

Dan il-Bord jifhem li huwa minnu illi n-nies go bar jizfnu u jaccaqalqu mal-musika. Izda f'dan il-kaz, jidher li n-nies jigu nkoraggati jizfnu f'zona specifikatament attrezzata ghal dan l-iskop. Il-Bord ukoll innota r-riklamar mal-bieb ta' barra tal-lok in kwistjoni kif ukoll ir-riklamar li hemm fuq gewwa, fejn hemm riklamat il-presenza ta' diversi DJ's matul is-sajf kollu. Ma kien hemm ebda tip ta' riklamar li per ezempju irriklama d-*drinks* li jigu offruti fil-bar. Dan ukoll fil-fehma tal-Bord huwa indikazzjoni li n-nies qed jigu mhegga jmorru l-bar minhabba l-muzika li tindaqq hemm. Din wehidha mhix bizzejjed sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-lok huwa fil-fatt diskoteka kif l-istess licenzja mahruga bil-permezss ta' *amplified music*, tindika. Izda dan il-fattur flimkien mal-mod kif inhu mqassam il-post u attrezzat, huma kollha indikazzjoni li l-lok qed jppromovi l-izfin aktar milli l-bar;

Dan il-Bord ukoll ma jaqbilx ma' l-appellant illi peress illi l-licenzja tkompli tinhareg sena jara l-ohra din twassal ghall-accettazzjoni tacita mill-Awtorita tas-sitwazzjoni kurrenti, ukoll meta din tkun bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-istess licenzja. Il-licenzja f'dan il-kaz kienet qed tigi mgedda minn sena ghal sena, u sabiex isir dan, ma hemmx bzonn li ssir spezzjoni tal-lok. Licenzja li tinhareg ghall-bar tinhareg bl-intiza li l-lok licenzjat jintuza ghal bar, u jekk dan ma jkunx hekk, ma jbiddilx in-natura tal-licenzja. Ghalhekk ukoll l-Awtorita inghatat il-poter li taghmel investigazzjonijiet u tohrog ordnijiet ta' l-infurzar, sabiex tinfurza l-ligi. L-argument ta' l-appellant jimmina dawn l-istess poteri ta' l-Awtorita, li zgur ma kienx l-iskop tal-legislatur;

Il-Bord ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma l-Ordni ta' l-Infurzar tat-22 ta' Marzu 2011 mahruga mill-Awtorita fil-konfront ta' l-appellant, ai

termini ta' l-artikolu 41 tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-appellant.

Av. Lorraine Conti

Chairperson

Perit Elizabeth Ellul

Membru

Is-Sinjur Raymond Farrugia

Membru

Is-Sinjur Julian Zarb

Segretarju